# Żjara tenfasizza l-ħidma imprezzabbli mwettqa mit-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni ta' Heritage Malta

Heritage Malta

**Stqarrija | 22 ta' Frar 2023**

Dott. Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u Dott. Chris Bonett, Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej, żaru t-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni fi ħdan Heritage Malta, li twaqqfet fl-2021 biex tieħu ħsieb id-diġitizzazzjoni tal-wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli fdat f'idejn Heritage Malta u tagħmlu aċċessibbli virtwalment għall-ġenerazzjonijiet kollha tal-preżent u tal-ġejjieni.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, dawwar lill-mistednin flimkien ma' Anthony Cassar, li jmexxi t-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni, u ma' uffiċjali oħra mit-tmexxija tal-aġenzija. Is-Sur Zammit spjega kif f'dawn l-aħħar snin, permezz tat-teknoloġija diġitali, Heritage Malta rnexxielha tilħaq udjenzi usa' minn qatt qabel u tagħmel il-kollezzjoni nazzjonali aċċessibbli kemm għall-Maltin kif ukoll għall-barranin fil-kumditá ta' darhom. Mhux biss, iżda din it-teknoloġija ppermettiet xejriet ġodda fil-mużeoloġija, fejn żdied l-aċċess, tjiebet l-interpretazzjoni u nħolqot esperjenza isbaħ għall-viżitatur.

Anthony Cassar fakkar li t-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni twaqqfet bl-għajnuna ta' fondi mill-EEA Norway Grants. Huwa qal li wieħed mill-ewwel impenji mwettqa mit-taqsima kien id-diġitizzazzjoni ta' eluf ta' artefatti mill-kollezzjoni tal-Mużew Marittimu. Twaqqfet ukoll Collection Management System (CMS), fejn permezz ta' software speċjalizzat isir il-katalogar ta' dawn il-kollezzjonijiet. Is-sajf li għadda, it-Taqsima ngħatat iċ-ċertifikat ISO9001 mil-Lloyds Register Quality Assurance u b'hekk saret l-ewwel dipartiment fi ħdan Heritage Malta li kiseb dan iċ-ċertifikat prestiġjuż.

Il-Ministru Owen Bonnici rrimarka li d-diġitazzazzjoni tiżgura aċċess aktar mifrux għall-wirt kulturali mill-ġenerazzjonijiet ta' issa u tal-futur. Huwa semma kif il-ħsieb tat-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni kien li 3,600 artefatt jiġu diġitizzati fi tliet snin. Din iċ-ċifra nqabżet b'mod sinifikanti tant li laħqet madwar 7,500 artefatt, id-doppju tal-mira oriġinali. "Se nkomplu nżommu l-istorja bħala parti integrali minn ħajjet pajjiżna u se nkomplu nagħtuha l-importanza mistħoqqa," qal il-Ministru.

Is-Segretarju Parlamentari Chris Bonett qal li bil-fondi Ewropej kif ukoll il-fondi Norveġiżi, qed ikompli jsir investiment fil-qasam kulturali biex il-patrimonju Malti jitgawda mhux biss mill-poplu Malti u Għawdxi iżda anke mit-turisti. "Ilum qegħdin naraw eżempju ieħor ta' proġett innovattiv li qed jitwettaq bil-fondi Norveġiżi, li se joffri esperjenza personali u interattiva lil min iżur il-Mużew Marittimu. Dan apparti x-xogħol ta' restawr li qiegħed isir f'dan il-mużew biex ikompli jtejjeb l-esperjenza ta' kull min iżuru," qal Dott. Bonett.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta